# Il-Perit Duminku Mintoff u l-Immakulata (1916-2012)

**Simon Mercieca**

Duminku Mintoff twieled Bormla nhar is-6 ta' Awwissu 1916 u ġie mgħammed l-għada ġewwa s-Santwarju tal-Immakulata. Għammdu l-Viċi Parroku Borg u ġie mogħti l-ismijiet ta' Duminku, Konċettu, Giovanni u Ġużeppi. Il-parrinijiet kienu n-nanniet materni tiegħu, iġifieri Giovanni Maria Farrugia u l-mara tiegħu Marianna. L-att jgħarrafna li kien bin Frederiku Mintoff li kien jiġi t-tifel ta' Danjeli. Ommu kienet Konċetta Farrugia, bint Giovanni Maria. L-att tal-magħmudija jiddeskrivi lil parrinijiet bħala "de hac civitate" iġifieri li t-tnejn kienu minn Bormla.[1] Biss kif spjegali ħu Duminku, Patri Dijonisju, in-nanniet materni ma kinux it-tnejn minn Bormla. Fil-verità nanntu Marianna, imwielda Burlò, kienet mill-Isla. Iżda għall-Viċi Kurat ta' dak iż-żmien, kull min ġustament kien imur jgħix f'Bormla kien iqisu bħala Bormliż jew Bormliża. Interessanti l-fatt li t-tifel ta' ħu Marianna, iġifieri Manweli, ma kien ħadd għajr il-futur arċipriet tal-Isla, Dun Ġwann Carlo Burlò.

Omm Duminku Mintoff, Ċetta, twieldet Bormla nhar is-17 ta' Mejju 1892. Ġiet mgħammda l-għada mill-Viċi Kurat Dun Carmelo Vella u mogħtija l-ismijiet ta' Concepta, Carmela, Vincenza. Il-parrina kienet Margerita, l-armla ta' Luca Mifsud li kien minn Bormla.[2]

Min-naħa l-oħra, missier missier Duminku, Danjeli, kien mill-Għasri waqt li omm missieru, Maria Refalo, kienet mix-Xagħra. Federiku Lorenzu kien l-iżgħar fost ħutu u l-uniku wieħed li twieled Malta,

1. Baptizato Liber, Bormla, Vol. XXII, 1916-1921, f. 8v.
2. Baptizato Liber, Bormla, Vol. XIX, 1890-1896, f. 342r.

eżattament fis-17 ta' Mejju 1892 ġewwa dak li l-atti ta' dak iż-żmien kienu jiddeskrivu bħala r-raħal tal-Imsida. Ħutu l-oħra twieldu kollha l-Għasri. Fost l-ismijiet li ngħata fil-magħmudija kien hemm dawk ta' Frederiku u Lorenzu, waqt li kien ġie mgħammed fil-kappella tal-Kunċizzjoni li hemm f'dik il-lokalità. Ix-xogħol tiegħu fin-Nejvi kien ġabu lejn Bormla għaliex ħafna mill-baħrin kienu jimbarkaw minn Sant'Anġlu. Fuq nett tal-Bastjun kien hemm xi kmamar li kienu jinkrew minn dawn il-baħrin jew nies tat-tarzna li ma setgħux jirritornaw id-dar wara l-ġurnata xogħol għaliex kienu joqogħdu 'l bogħod. Kien żmien fejn ma kienx għad hawn il-mezzi moderni tat-trasport. Imbagħad fl-aħħar tal-ġimgħa kienu jmorru bit-tlikki t-tlikki lejn id-dar biex iqattgħu tmiem il-ġimgħa mal-familja. Dawn il-kmamar ma kienu xejn għajr kerrejjiet. Ħafna rġiel kienu jispiċċaw f'kamra waħda ħalli jonfqu mill-inqas billi jaqsmu l-ispejjeż tal-kera. Qabel ma żżewweġ, Wenzu Frederiku kien wieħed minn dawk l-irġiel li kien jaqsam kamra ma' rġiel oħra fuq il-Bastjun.

Kienet oħt Konċetta, Ester, li ndaħlet biex tlaqqa' lil oħtha mal-futur raġel tagħha. Normalment, l-istorja kienet tibda meta t-tfajla jew il-ġuvni kienu jitfgħu ħarsa bis-serqa lejn in-naħa l-oħra u jekk din togħġbu jew togħġobha kienu jsibu lil xi ħadd biex ilaqqa' lill-partijiet jew kif kienu jgħidu dari jagħmilha ta' ħuttab. Jidher li f'dan il-każ, Ċetta, kif kienet magħrufa omm Duminku, kienet l-ewwel waħda li tefgħet għajnejha fuq Frederiku Wenzu u mbagħad oħtha Ester ħadmet biex tlaqqagħhom.

Illum ngħidu li kienet *love at first sight*. Patri Dijonisju qalli b'vuċi qawwija li l-ġenituri tiegħu "kienu jinħabbu ħafna ħafna ħafna". Iż-żwieġ kien sar fl-Avvent. Dari, iż-żwieġ fl-Avvent jew fir-Randan ma kienx isir u dik l-għarusa li kienet tiżżewweġ f'wieħed minn dawn il-perjodi kienet tkun xi armla jew inkella tfajla li qed tistenna xi tarbija, u allura kien ikun hemm urġenza ta' żwieġ ħalli jitgħatta d-dnub! Matul il-perjodu Ingliż żviluppat użanza oħra. Dawk li kienu għarajjes ma' xi ħadd fin-Nejvi bdew jitħallew jiżżewġu fl-Avvent. Ċetta u Frederiku Wenzu Mintoff iżżewġu lejlet il-Kunċizzjoni, iġifieri fis-7 ta' Diċembru 1909. Iċ-ċerimonja tat-tieġ saret fis-sitta ta' filgħodu u kif kien jitlob ir-ritwal ta' dik il-ħabta, wara li taw il-kelma lil xulxin, saret il-quddiesa li fiha ġiet mogħtija l-barka għal żwieġ fertili. Kien żmien ieħor! Biss omm Mintoff kienet "imkabbra li żżewġet fuq l-artal tal-kor". Erba' snin qabel, il-kwadru ta' fuq dan l-artal kien għadu kif ġie solennement inkurunat minn kardinal li kien inġieb apposta minn Ruma. Żewwiġhom il-Primiċerju tal-Kolleġġjata,

il-Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi, li f'dik il-ħabta kien ukoll il-Viċi Kurat ta' Bormla.[3]

Wara t-tieġ, il-koppja Mintoff marret toqgħod fid-dar tan-nanna Marianna, fi Triq l-Irlandiż. Ikun f'din id-dar fejn twieled Duminku Mintoff. Il-piż tat-trobbija kollha waqa' fuq l-omm. Dan ma jfissirx li missieru kien assenti. Meta ma baqax ibaħħar, kien ġie stazzjonat ġewwa Kastilja, li f'dak iż-żmien kienet is-sede ċentrali tal-ammiraljat. Mhux l-ewwel darba li Duminku kien jieħu lil ħuh iż-żgħir Pawlu (Patri Dijonisju) għand missieru fuq ix-xogħol u dan kien jagħtihom xi biċċa ħobż bil-butir, li dak iż-żmien kien għadu rari f'pajjiżna. Qabel ma daħal il-butir, il-ħobż kien jiddellek biż-żejt jew bix-xaħam. Biss l-aktar ħaġa li Patri Dijonisju baqa' jiftakar kien it-tip ta' ħobż li kienu jagħmlu l-Ingliżi u għalhekk kien magħruf bħala tal-Ingliż, jew fin-naħat tal-port, bħala tal-kexxun. Patri Dijonisju insista miegħi li dan it-tip ta' ħobż kont biss issibu sat-tletinijiet għand l-Ingliżi. Fi kliem ieħor kien jieħu *sandwich*.

Ċetta fittxet li trabbi lil uliedha fuq prinċipji sodi Nsara u fuq kollox għallmithom jibżgħu għas-sold. L-omm kellha importanza kbira fuq il-formazzjoni tal-karattru u l-ħsieb ta' wliedha kollha. Bħal kull tifel, Duminku kien iħobb ħafna lil ommu. Min-naħa tagħha, bħal ħafna nisa oħra Bormliżi, il-familja kienet tiġi l-ewwel u qabel kollox għal Ċetta. Ma kienet tiddejjaq xejn tagħmel is-sagrifiċċji biex trabbi lil uliedha sewwa. Kienet mara fuq tagħha, bieżla, ħawtiela, intelliġenti u kellha wkoll sens ta' entrapriża. Kienet ukoll mara ferriħija. Skont Duminku Mintoff, kienet mara li kellha l-kapaċitajiet kollha biex tmexxi pajjiż. Biss dak iż-żmien il-bibien tal-politika kienu għadhom magħluqa għan-nisa.

Fuq nota personali, omm Duminku Mintoff kienet il-*best friend* tan-nanna tiegħi, Evangelista Abela. Hekk kienet qaltli darba oħt ommi, iz-zija Michelina. Fuq in-nanna tiegħi naf ftit li xejn, ħlief li kellha l-istess statura ta' omm il-Perit Mintoff, iġifieri kienet qasira u mibruma. Nannti miskina mietet żgħira, fl-1929, wara t-twelid tas-sitt wild tagħha. Lanqas ritratt tagħha ma għandna. Biss mill-ftit informazzjoni li għaddiet mill-

---

3. Marriages Register, Bormla, Vol XIV/307. Date 7 -12-1909. *Praemissis tribus denuntiat tam in hac S.I.C.P. Eccl: ex parte sponsae, quam in S.P. Eccl: pagi Misida ex parte sponsi sub eisdem diebus 5, 12, 19, elapsi Septembris, et quarta sub die 5 Decembris currentis, nulloque detecto canco impedimento. Ego Joseph Can. Prim. D. Azzopardi Vic.Cur. interrogavi Federicum cognitum cum nomine Laurentius Mintuf fil leg nat Danielis et Maria Refalo conj sponsum natum Misida die 21 Maii 1883 de pago Misida, et Concepta Farrugia fil verg leg nat Ioannis et Mariae Annae Burlo conj sponsam meam parram, eorumque mutuo consensu praestito per verba de praesenti matrimonio soller eos conjunxi in faciem eccl: coram testibus Josepho Ebejer filio Felicis, et Vincentio Barbara qdam Josephi, deinde in Sacro eis benedixi juxta ritum S.M.Eccl.*

fomm fi ħdan il-familja, naf li t-tnejn kellhom storja komuni. It-tnejn kienu ġejjin mill-erja tal-Bastjun. Nannti twieldet Bormla fl-1897.[4] It-tnejn f'żgħożithom kienu jaħdmu t-tabakk u t-tnejn kienu jirahnu d-deheb.

Dak iż-żmien l-industrija tat-tabakk kienet tagħti xogħol lil ħafna nisa, b'mod speċjali lit-tfajliet. Din l-industrija kienet diffuża sew, speċjalment fiż-żona tal-Bastjun. Kien hemm aktar minn aġent wieħed jaħdem f'dawn l-inħawi tal-Kottonera, biss l-aktar familja mqabbda f'din l-industrija ġewwa Bormla kienet dik ta' Licari.

Ġeneralment, ix-xogħol fuq is-sigarri kien isir eżattament wara l-ikla ta' nofsinhar. Wara li l-familja tkun kielet, in-nisa kienu joħorġu fuq l-għatba u jqattgħu sagħtejn, bejn nofsinhar u s-sagħtejn, jaħdmu s-sigarri u jitħaddtu fuq kollox. Kien xogħol kollu bbażat fuq il-ħeffa tal-id. Kull mara kien ikollha t-tavla tagħha. Fuq kull tavla, fil-ġenb tagħha, kien ikun hemm imwaħħla s-santa bl-immaġni tal-inkwatru tal-Immakulata li hemm fil-kor. Ħdejhom kien ikollhom barmil mimli tabakk u mqass. Kienu jkebbu u jirrumblaw it-tabakk fuq tavla żgħira u jiffurmaw sigarru bit-tabakk stess u jaqtgħuh skont id-daqs. Il-fdal tat-tabakk kien jerġa' jmur fil-barmil. Xejn ma kien jintrema. Kienu jitħallsu skont kemm kienu kapaċi jlestu sigarri. Biss ta' Licari kienu jippretendu li n-nisa li jaħdmu għalihom jilħqu ċertu kwota. Il-ħlas kien ta' xi sikspens għax-xogħol tagħhom ta' sagħtejn. Kienu mħallsa bis-soldi kif jgħidu. Biss xi ħaġa minn dan il-ħlas kienet titwarrab biex tmur għall-knisja tal-Immakulata. Ċetta kienet tiftaħar ma' wliedha li dawn in-nisa kienu jagħtu madwar sold minn fuq kull sikspens li kienu jaqilgħu u l-flus miġbura kienu jingħataw 'il-knisja. Ommu kienet tirrakkonta lil Patri Dijonisju li dawn it-tfajliet li kienu jaħdmu t-tabakk kienu ħallsu għall-gwarniċ tal-fidda tal-Madonna. Probabbilment kienet qed tirreferi għall-kwadru tal-Madonna li kien iservi bħala sottokwadru fil-kor. Din il-Madonna kienet magħrufa bħala l-Madonna tas-Saħħa. Jekk din kienet il-pittura li ommu kienet qed tirreferi għaliha fir-rakkonti tagħha, ftit wara li sar dan il-gwarniċ, din il-pittura nbidlet u minflokha tqiegħed inkwatru ġdid taż-żejt ta' San Piju X.

4. Baptizato Register, Bormla, Vol. 20 p. 10r-11v. Nannti ġiet mgħammda mir-Rev. Penza, nhar it-18 ta' Frar 1897. Twieldet fis-17 ta' Frar u kienet bint Emanuele Abela u Caterina Zahra u ngħatat l-isem ta' Evangelista, Raphaela, Antonia, Angela. Il-parrinijiet kienu Antonio Zammit u l-mara tiegħu Filomena, it-tnejn minn Bormla. Fil-marġin hemm imniżżla d-data taż-żwieġ tagħha, li sar ġewwa Raħal Ġdid, meta nhar it-3 ta' Frar 1921 iżżewġet lil Francesco Pace li kien minn Bormla, miż-żona ta' Fuq San Pawl. Eventwalment, anki l-ġenituri ta' Evangelista niżlu joqogħdu Raħal Ġdid, fil-parti llum magħrufa bħala ta' Lourdes, f'Inverness Street.

Biss il-gwarniċ baqa' hemm iżejjen dan il-kwadru ġdid.[5] Kemm kellha raġun Ċetta li tkun kburija, għax dan ir-rigal lill-Madonna kien ingħata min-nisa fqar iżda ta' qalb kbira tal-Bastjun għax kollha kienu jaħdmu t-tabakk u kollha kienu devoti tal-Immakulata.

Xogħol ieħor li kienu jagħmlu numru ta' nisa f'Bormla kien dak li jsellfu l-flus fuq id-deheb. Wieħed jieħu l-flus u jħalli biċċa deheb, ekwiparata mal-flus, bħala garanzija ta' ħlas. Wara li jkun ħallas lura l-flus li ssellef, kien jingħata d-deheb lura. F'din it-transazzjoni, min kien isellef kien jibqagħlu xi ħaġa żgħira forma ta' mgħax. Kienu żminijiet meta ma kienx hawn strutturi bħalma huma l-banek jew *micro credit*, fejn iż-żgħir seta' jmur jissellef. Kif għedt qabel, Ċetta bħal nannti kienet involuta f'dan ix-xogħol, li minnu kienu jaqilgħu dik ix-xi ħaġa żgħira. Kif stqarr miegħi ċ-Ċermen tal-APS Bank, il-Professur Emanuele Delia, "Fil-bidu, dan il-bank tmexxa mill-*Unione Cattolica San Giuseppe* li kellha għeruq tajba fil-Kottonera". Kien ambjent, kif stqarr miegħi l-Kanonku Dun Ġużepp Zammit, fejn ħafna nisa ġewwa Bormla f'dik il-ħabta kienu jagħmlu dan it-tip ta' xogħol. Għalhekk, kontra dak li ġieli jingħad, dan ix-xogħol, magħruf bħala li tirgħa d-deheb, kien hemm fih element ta' bżulija u anki ta' onestà, għaliex min jafda d-deheb ma' għajru kien jistenna li jerġa' jieħdu lura meta jħallas dejnu.

Kif kien jiġri f'dik il-ħabta, il-koppja kienet ħafna drabi tagħżel li toqgħod fil-lokalità tal-għarusa. F'dan il-każ, missier Duminku kellu aktar minn raġuni waħda għala jmur joqgħod f'Bormla. Ix-xogħol tiegħu ta' kok fin-Nejvi Ingliża, żgur li kien jagħmel minn Bormla post ideali fejn fih joqgħod. B'hekk kien ser jibqa' fil-port, waqt li martu setgħet tibqa' ssib is-sapport tal-familja tagħha fit-trobbija ta' wliedha. Infatti, in-nanna Marianna kienet preżenti ħafna f'din it-trobbija tat-tfal. Bħall-baħħara kollha, missier Duminku kien jagħmel ħafna żmien nieqes mid-dar, xi drabi anki xhur jekk mhux snin.

B'kollox kien hemm ħdax-il tarbija li minnhom għexu disgħa. Duminku Mintoff kien it-tielet wieħed u l-ewwel tifel. Bħalma kien mistenni f'familja kbira, dawk li kienu jkunu l-kbar kien ikun mistenni minnhom li jgħinu lill-ġenituri fit-trobbija ta' ħuthom. Duminku Mintoff qatt ma naqas minn dan ir-rispett lejn ommu. Rarament kien joħroġ mid-dar.

5. Hawnhekk wieħed irid jagħmel differenza bejn il-prospettiva tal-fidda li hemm fil-kor iżejjen dan l-inkwatru ta' San Piju X u dan il-gwarniċ. Dik il-prospettiva kbira saret mill-Arċipriet Cassar. Biss, kif jixhdu ritratti qodma, meta l-kwadru ta' San Piju X kien għadu mdaħħal ġol-irħam, dan ġa kellu gwarniċ tal-fidda apparti jdur miegħu. Dan il-gwarniċ għadu jeżisti madwar dan l-istess inkwatru ta' San Piju X.

Ħajtu kienet tinqasam bejn l-iskola u x-xogħol tad-dar. L-eċċezzjoni, jinsisti Patri Dijonisju, kienet il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. U bir-raġun. Kien hemm żewġ festi kbar li n-nies tal-Bastjun qatt ma kienu jitilfu. L-ewwel waħda kienet il-Kunċizzjoni. L-oħra kienet il-Karnival. B'nostalġija, Patri Dijonisju qalli, "Kienu joqtlu għall-Karnival in-nies tal-Bastjun."

L-assenza tal-missier minn Bormla għal xhur jekk mhux snin fuq il-baħar kienet tinħass bħalma tixhed il-konfużjoni f'ismu. Fl-atti tal-magħmudija tal-ulied, jingħata xi minn daqqiet bħala Frederiku u xi minn daqqiet bħala Lorenzu. Inċidentalment it-tnejn kienu ismijiet tiegħu. Anki kunjomu kien jinkiteb b'modi differenti fl-atti. Kien l-uniku Mintoff f'Bormla. Hekk meta twieldet il-kbira Marianna, fl-1911, imbagħad Giovanna 1913, Duminku fl-1916, isem il-missier hu Frederiku. Meta jitwieled Ġużeppi (1920), Danjel (1922), Antonio (1923), Raimondo (1926) u Maria Assunta (1929), l-isem tal-missier fl-atti rispettivi tal-magħmudija tagħhom huwa Lorenzu. Jerġa' l-missier jingħata bħala Frederiku, meta jitwieled Pawlu (1931). Wara jkun imiss li jissejjaħ Lorenzu fit-twelid ta' Maria (1932) u għal darba oħra Frederiku meta titwieled l-aħħar tarbija tal-familja Mintoff, Maria Concetta (1934).

Il-preżenza ta' tant ulied żgur li ma kinitx tagħmel minn din il-familja xi waħda sinjura. Anki jekk forsi ħdejn oħrajn kienet ftit aħjar, għaliex min kellu missieru jaħdem mal-Ingliżi dejjem kellu paga aħjar minn dawk mal-partikular, xorta waħda kienet familja li kif jgħid il-Malti taqlagħha u tikolha. Biss l-omm xorta waħda fittxet li toffri s-solidarjetà tagħha lill-membri tal-familja fi żminijiet ta' saram. Kien perjodu fejn l-imwiet fost l-ommijiet wara xi tqala jew ħlas ħażin kien għoli ħafna. Ħu ommu, Ġanni, mititlu martu wara li din kellha tarbija u ħallietu b'ħafna tfal. Kif kien jiġri f'dawn is-sitwazzjonijiet, il-missier armel kien idur fuq il-familja għas-sapport tiegħu u ta' wliedu. Għal xi żmien u sakemm reġa' sab saqajh, hu kien mar inġabar ma' oħtu Ċetta. Il-familja Mintoff ħadet ftit taż-żmien biex stabbilixxiet ruħha ekonomikament, u sakemm seħħ dan ikun l-ambjent reliġjuż li kien hemm f'dik il-ħabta li salva lil din il-familja.

F'dawk iż-żminijiet tat-tfulija ta' Duminku Mintoff, il-Brothers ta' De La Salle, magħrufa aħjar bħala l-Freres, kellhom skola żgħira ġo Strada Bonġornu (kif kienu jgħidulha dari u llum hija Matty Grima Street). Huma fetħu din l-iskola fl-1903. Kienet komunità żgħira ta' ftit Brothers (il-kelma Freres tfisser Brothers bil-Franċiż) minn Franza. Kienu jafu

biss bil-Franċiż. Kien hemm Brother partikolari, Brother Guy, li kien idur Bormla kollha jiġbor it-tfal u jeħodhom ħa jitgħallmu għandhom. F'dik il-ħabta, il-Freres kienu jgħallmu biss lit-tfal foqra u kienu l-aktar li jfittxu lit-tfal miż-żona tal-Bastjun. Fost it-tfal li ġabru kien hemm Duminku Mintoff u ċertu Ġużeppi Chetcuti. Kienet ħaġa naturali li jekk ikun hemm tfal li jibbrillaw aktar minn sħabhom, dawn jingħataw attenzjoni partikolari. Din kienet tagħmel parti mis-sistema Franċiża tal-edukazzjoni. Fost it-tfal li kellu Bro. Guy, għaraf erbgħa minnhom bħala li kienu aktar intelliġenti minn sħabhom. Patri Dijonisju qalli "fost dawn kien hemm ħija". L-ieħor kien Ġużeppi Chetcuti, li eventwalment laħaq patri Agostinjan u ħa l-isem ta' Patri Bonaventura.

Ta' kull sena, Patri Bonaventura u Patri Dijonisju kienu jiltaqgħu Bormla għall-festa tal-Immakulata, appuntament li t-tnejn, meta jkunu Malta, ma jitilfuh qatt. Kull meta kienu jiltaqgħu, Patri Bonaventura kien ifakkar lil Dijonisju, li bħal ħuh, hu kien wieħed minn dawk it-tfal li ġabru l-Freres biex għallmuhom. Fuq kollox Patri Bonaventura kien jirrakkonta kif darba Bro. Guy ħa dawn l-erbat itfal l-aktar intelliġenti għand il-kurat ta' dak iż-żmien, il-Kanonku Paolo Caruana. Dan Caruana kien serva ta' kurat bejn l-1913 u l-1929. Fost ix-xogħol li kellu l-kurat, kien hemm dak li jieħu ħsieb il-prietka tal-Milied. Wara li jkun tgħallimha bl-amment, il-Kurat Caruana kien jieħu lil dak magħżul għand Dun Spir.

Dan Dun Spir ma kien ħadd għajr Monsinjur Dun Spiridione Penza (1860-1924), qassis minn Bormla iżda li baqa' magħruf bħala Dun Spir anki wara li kien laħaq kanonku tal-Kolleġġjata tal-Immakulata u aktar tard sar Monsinjur Kamrier Sigriet tal-Papa bħala rikonoxximent għall-ħidma soċjali tiegħu fil-parroċċa.

Hekk dejjem irrefera għalih Patri Dijonisju Mintoff anki jekk hu qatt ma ltaqa' miegħu għaliex Dun Spir kien ilu mejjet meta twieled hu. Din l-umiltà ta' Dun Spir u l-ħidma tiegħu fost il-ħaddiema u l-foqra ta' Bormla ħalliet influwenza kbira fuq it-tfajjel Duminku, kif jidher ċar mir-rakkonti li l-istess Duminku kien jgħid dwar dan Dun Spir lil ħu Patri Dijonisju. Għal Duminku Mintoff, dan Dun Spir kien qassis li qed jiġi mill-bogħod ġewwa Bormla, għaliex f'dan il-perjodu, barra li kien qed jieħu ħsieb id-Domus, kien qed iwettaq ħidma pastorali ġewwa Birżebbuġa. Skont il-Kanonku Dun Ġużepp Bonello, Dun Spir kien waqqaf id-*Domus Sacra Familia* ġewwa Bormla bil-għan ewlieni "li jiġbor fih fil-ħinijiet liberi, tfal u tfajliet, mhux biss biex jirċievu l-edukazzjoni Nisranija u jżommuhom okkupati, imma

wkoll biex jitgħallmu jħitu, isajru, jirrakkmaw u affarijiet oħra tant meħtieġa".[6]

F'dik il-ħabta d-Domus kien jinsab fi Triq tal-Bajtra u fih kienu jsiru wkoll xi teatrini żgħar. Dawn il-*plays* żgħar kienu magħrufa bħala *saggio* ġewwa Bormla. Oħt Duminku l-kbira, Marianna, meta kellha biss sitt snin, kienet ġa ġiet introdotta għat-teatru u ħadet sehem f'*saggio* bit-Taljan ippreparat minn Dun Spir fuq il-palk tad-Domus.

Dawn it-tfal magħżula minn Bro. Guy kienu għadhom verament żgħar ħafna. Skont Patri Bonaventura, forsi ftit esaġerat, kien jgħid li hu kien għad kellu biss madwar erba' snin jew ftit akbar meta mar mat-tfal l-oħra ħalli jkun magħżul biex jagħmel il-prietka tal-Milied. Duminku Mintoff kien sentejn ikbar minnu. Patri Bonaventura kien jirrakkonta li l-ġurnata kienet is-Sibt. Il-kurat kien ta lil dawn l-erbat itfal kopja kull wieħed tal-prietka tal-Milied u tahom tmint ijiem żmien biex jitgħallmuha bl-amment. Min kien ser jitgħallimha l-ewwel u sew kien ser ikun hu li jagħmel il-prietka ta' dik is-sena. L-għada t-tfajjel Duminku kien ġa jafha u ħaduh għand il-kurat u qalhielu kollha bl-amment. Ma hemmx dubju li oħtu Marianna għenitu jitgħallimha fi żmien daqshekk qasir. B'hekk, ta' sitt snin jew ftit akbar, Duminku Mintoff spiċċa jieħu l-ewwel lezzjonijiet fid-drama għand Dun Spir bi preparazzjoni biex jagħmel il-prietka tal-Milied. Il-prietka saret għand Dun Spir fid-*Domus Sacra Familia*.

Kien żmien meta f'Bormla kien hemm popolazzjoni ta' madwar 12,000 ruħ. Fid-Domus ta' meta Duminku għamel il-prietka tiegħu kien hemm attendenza ta' madwar 250 persuna, bejn tfal, ħaddiema, tfajliet, studenti u apprendentisti tat-Tarzna.[7] Meta kiber, il-Perit Mintoff kien jirreferi għal dan l-avveniment bħala l-ewwel *mass meeting* ta' ħajtu.

Duminku kien sar midħla sew ta' Dun Spir. Kien anki jservi miegħu ta' abbati ġewwa d-Domus. F'dan iċ-ċentru, Duminku jagħmel ħbiberija ma' tfal oħra u xi wħud minnhom baqgħu ħbieb tal-qalb tiegħu tul ħajtu kollha. Fosthom kien hemm Leli Tabone, li kif ser naraw, ser tkun il-persuna magħżula minnu bħala x-xhud tiegħu għat-tieġ. Ikun minħabba f'Duminku, li dan Tabone kien qaleb minn mal-Gross, daħal fil-politika, u serva bħala ministru fil-gvern immexxi mill-Perit Mintoff fil-ħamsinijiet.

Iżda l-istorja tal-prietka kienet il-kawża ta' żvolta oħra fil-ħajja ta' Duminku. Il-Kurat Caruana tefa' għajnejh fuqu u baqa' jsegwih. Wara

---

6. J.Bonello, "Il-Kanonku Dun Spiridione Penza", *Birżebbuġa: Leħen il-Parroċċa San Pietru fil-Ktajjen*, Festa 2002.
7. Ibid.

xi sena jew ftit aktar għand il-Freres, fejn kien ġie introdott għal-lingwa u l-kultura Franċiża (kultura li qatt aktar ma nfatam minnha), il-Kurat Caruana ħadem biex jibgħat lil dan l-istudent intelliġenti jistudja ġewwa s-Seminarju. Daħal żgħir is-Seminarju. Peress li r-riżorsi tal-familja ma kinux ilaħħqu, il-Kurat Caruana ħadem biex ġablu *scholarship*. Duminku Mintoff dam igawdi minn din il-borza ta' studju mill-ewwel sat-terza klassi.

F'dak il-perjodu, meta familja Maltija kien ikollha xi tifel jipprometti, kienet tfittex li ddaħħlu s-Seminarju, bil-ħsieb li meta jikber isir qassis. F'dak iż-żmien, l-iskola tas-Seminarju kienet waħda (bħalma għadha) mill-aqwa skejjel fejn it-tfal kienu jingħataw bażi soda fix-xjenzi umanistiċi. L-għalliema tas-Seminarju kienu kollha qassisin u l-aħjar fosthom kienu jispiċċaw jgħallmu l-Università. Duminku Mintoff xorob sew minn din il-formazzjoni, għaliex barra li għenitu biex isir oratur tajjeb, għamlitu jħobb il-letteratura, speċjalment dik Ingliża. L-arti tat-tħaddim tal-kelma jew aħjar l-oratorija akkwistaha mit-tkissir fil-lingwa Latina, suġġett obbligatorju f'dak iż-żmien għal kull student li kien jistudja f'din l-iskola. Fuq kollox, meta aktar 'il quddiem, huwa juri l-ħajra li jistudja għal perit, dan kien ifisser li fost is-suġġetti li kien imur tajjeb fihom kien hemm il-matematika. Normalment min hu tajjeb fil-*maths* ikun tajjeb ħafna fil-lingwa Latina. Il-Perit Mintoff jidħol sew f'din il-paradigma. Dan għaliex il-Latin huwa lingwa mejta u għalhekk l-istudju tiegħu jibbaża ħafna fuq prinċipji matematiċi u dawk tal-loġika.

Fis-Seminarju Mintoff kien tajjeb fil-Latin. Patri Dijonisju qalli li ħuh baqa' jħobbu l-Latin sakemm miet. Miegħu fis-Seminarju f'dik il-ħabta kien hemm jistudja l-Latin student ieħor bravu. Dan ma kien ħadd għajr Edward Coleiro. Meta kiber, Edward Coleiro sar qassis, laħaq monsinjur u sar professur tal-Latin fl-Università ta' Malta. F'sena minnhom, fil-kors tas-Seminarju Minuri, Mintoff kien għaddieh fil-Latin u ħa l-premju hu!

Wara li spiċċa mis-Seminarju kompla bl-istudji tiegħu fl-Università, fejn l-ewwel għamel il-baċċellerat fix-xjenza u studja l-matematika, u wara kompla l-istudji tiegħu għal perit. F'dan il-perjodu, Duminku Mintoff kien għadu jgħix Bormla, anki jekk issa l-familja kienet imxiet minn Triq l-Irlandiż u marret toqgħod ġo Triq Santa Tereża (illum magħrufa bħala Triq il-Pellegrinaġġ u li f'dan il-perjodu kienet waħda mill-aqwa toroq ta' Bormla). Il-biża' għas-sold u l-bżulija tal-missier wasslu biex il-familja faddlet xi sold. Il-missier mexa 'l quddiem fix-xogħol tiegħu wkoll. Il-fatt

li kellu paga fissa u ċertu dħul wassal biex ikun fuq il-lista tal-votanti fl-ewwel elezzjoni li kienet saret taħt il-Gvern Responsabbli fl-1921.

Ikun fl-Università fejn Mintoff jibda jinteressa ruħu bis-serjetà fil-politika u daħal f'dak li llum jissejjaħ *student politics* fejn kien anki laħaq segretarju tal-għaqda tal-istudenti universitarji. Hawn involva ruħu sew fil-ħidma favur l-istudenti. Dak iż-żmien kien daħal it-*talkies* f'pajjiżna. Iżda biex tmur tara film kien għali. Il-films kienu jkunu murija fit-Teatru Manoel. Bħala segretarju tal-istudenti, Mintoff kien kiteb lill-Gvernatur biex jintervjeni ħalli l-istudenti jgawdu minn prezz ridott fuq id-dħul. Biss l-ikbar ġlieda li għamel Duminku Mintoff meta kien fuq il-kunsill tal-istudenti kienet dik favur id-dħul tat-tfal żvantaġġjati fl-Università. F'dik il-ħabta, biex wieħed jidħol l-Università ried ikollu missieru professjonista, jew inkella negozjant magħruf jew paga fissa. Din tal-aħħar kienet eċċezzjoni li daħħlu l-Ingliżi u kienet marbuta ma' ċertu kategoriji ta' impjiegi, primarjament għal dawk it-tfal li missirijiethom kienu jaħdmu mas-servizzi jew fid-Dokjard jew man-Nejvi. Duminku Mintoff kien daħal l-Università taħt din l-aħħar klawsola.

Jien niftakar 'l ommi tgħid li n-nannu, iġifieri missierha, xtaq idaħħal lit-tifel l-Università biss, anki jekk kien fil-*business*, iżda xorta ma setax għaliex ma kienx wieħed min-negozjanti magħrufa u ma kellux paga fissa. Ikun f'din il-kariga ta' segretarju meta Duminku Mintoff u sieħbu Pawlu Cassar (li wara sar tabib u anki kiteb numru ta' kotba tal-istorja) għamlu *test case* favur ċertu Salvu Privitera. Dan Salvu Privitera kellu missieru skarpan u allura ma kienx ġie aċċettat biex jidħol l-Università għaliex missieru ma kienx jikkwalifika taħt l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet imposti għad-dħul fl-Università. Duminku Mintoff u Pawlu Cassar, li Patri Dijonisju ddeskrivihuli bħala "li kien aktar revoluzzjonarju minn ħija", għamlu storbju sħiħ u Salvu ġie aċċettat.

Wara li spiċċa mill-Università hu applika għal *Rhodes Scholar*. Iċ-ċermen tal-kumitat tar-*Rhodes Scholarship* kien il-Gvernatur waqt li l-membru lokali l-aktar importanti kien l-Arċisqof Mauro Caruana. Il-Kumitat għażel lil Duminku Mintoff fost il-kandidati kollha li applikaw biex ikun ir-*Rhodes Scholar* għal Malta. Dan rebħu fl-1938. Dan kien ifisser li issa kellu bżonn jagħmel passaport biex isiefer lejn l-Ingilterra u jmur jistudja ġewwa l-Università ta' Oxford.

Hu applika għall-passaport fl-1939. Il-persuna li għamlet it-testimonjanza tal-identità tiegħu fuq il-karti tal-passaport kienet il-Perit Carmelo Micallef A.E.C. li kien joqgħod 88 Triq Britannika l-Belt. Il-firma issa hija dik karatteristika tiegħu, iġifieri ta' "Dom Mintoff".

Fuq kollox, dan l-i*scholarship* iwassal biex issa kellu jieħu ritratt. Probabbilment, dan ir-ritratt tal-passport hu wieħed mill-ftit ritratti ta' Duminku Mintoff li kienu ttieħdu sa issa. Ħadu meta kellu 23 sena. Dan ma jfissirx li ma jeżistux ritratti tiegħu qabel. Jeżisti ritratt ta' meta Duminku Mintoff għamel il-preċett. Biss f'dan ir-ritratt Duminku Mintoff jidher qiegħed biss ma' missieru, b'dan tal-aħħar liebes l-ilbies tan-Nejvi. Ommu hija nieqsa għalkollox minnu. Min jaf għalfejn?

Jekk omm Mintoff kienet bħal nannti, allura żgur li r-ritratti ftit li xejn kienet tieħu gost bihom. Anzi xejn. La tagħha u wisq anqas ta' wliedha. Kienu jgħidu fil-Bastjun li dawn ir-ritratti jġibu magħmul. Fil-verità, f'dak iż-żmien ridt fotografu professjonali biex jeħodlok ritratt. Barra li ħafna minnhom ma kellhomx flus għar-ritratt, il-kamera tar-ritratti portatili ma kinitx teżisti. Fost dawk tar-ritratti ġa fis-snin għoxrin bdiet dieħla l-prattika li jqiegħdu r-ritratti tan-nies fil-vetrina. Ma kienx hemm *data protection* dak iż-żmien. Ħalli għan-nies biex kulħadd jgħid tiegħu fuq ir-ritratti tal-vetrina!

Duminku Mintoff kien jaf sew b'din l-iskaramenzija fost in-nisa tal-Bastjun. Meta ħa l-lawrija ta' perit, kienet daħlet il-prassi li l-istudenti jmorru bit-toga għand il-fotografu ħa jieħdu ritratt tagħhom mal-familja. Duminku Mintoff ukoll hekk għamel. Ħa 'l ommu u 'l missieru għand Cianco fi Strada Teatro, il-Belt, biex jieħu ritratt formali bit-toga u l-berettin. Meta ġie tar-ritratti biex jeħodlu r-ritratt, Duminku pront pront dar fuqu u qallu, "Mhux lili ħu ritratt iżda lil Ommi." U qabad u ħareġ 'il barra.

Ommu dejjem fittxet li tagħti edukazzjoni Nisranija lil uliedha. Anki jekk forsi tingħata impressjoni li l-karriera professjonali ta' Duminku Mintoff kienet 'il barra minn dik Nisranija, fil-verità hu kien ifittex li jibbaża l-ħsieb tiegħu fuq il-Vanġelu. Patri Dijonisju jikkonferma li wieħed mill-kotba li l-aktar kien iħobb jaqra kien il-Bibbja. Nies li kienu jaħdmu qrib tiegħu ġewwa Kastilja, fosthom is-Sur Mario Cacciottolo, ikkonferma miegħi li l-Perit Mintoff kellu bibbja bl-Ingliż. Is-Sur Cacciottolo jiftakru lill-Perit Mintoff juża l-uffiċċju tal-Kap tal-Oppożizzjoni ġewwa l-Parlament wara l-1987. F'dan l-uffiċċju kien iżomm Bibbja u meta kien isib mument ta' kwiet kien jintefa' jaqra minnha. Patri Dijonisju żied jgħidli li l-aktar figura li kienet taffaxxina lil ħuh, wara dik ta' Kristu, kienet il-figura ta' Mosè, il-mexxej politiku tal-poplu Lhudi, li ħareġ lil-Lhud mill-jasar tal-Eġittu. Fuq kollox, Patri Dijonisju jgħid li ħuh kien iħares lejn il-figura ta' Kristu, li kienet ta' ispirazzjoni għalih u anki mudell fil-ħsieb soċjali tiegħu fejn l-interessi taż-żgħir kienu jiġu l-ewwel u qabel kollox.

Fuq kollox, ommu Ċetta, fil-limitazzjoni kollha tagħha, tat lil uliedha kollha l-aħjar edukazzjoni u tellgħathom fl-imħabba lejn l-Immakulata. Meta kien tifel, Duminku ta' kuljum kien jgħid il-kurunella tal-Kunċizzjoni magħha. Il-kurunella, li kienet tingħad minn ommu, kienet dik li hija tgħallmet bl-amment mingħand ommha u li ommha kienet għallmithielha mingħand omm ommha. Kienet il-kurunella l-aktar qadima tagħha bil-Malti u li kienet tmur għal mitt sena qabel, lejn il-bidu tal-perjodu Ingliż f'Malta. Wara din, spjegali Patri Dijonisju, kienet inkitbet kurunella oħra, minn patri Kapuċċin. Imbagħad ġiet il-kurunella tal-Kanonku Ludovico Mifsud Tommasi. Patri Dijonisju qalli li meta beda jagħmel ftit riċerka dwar l-ewwel kurunelli tal-Kunċizzjoni, l-ewwel waħda kien skoprieha permezz ta' ħu Duminku, li baqa' jiftakarha kollha bl-amment, allavolja issa kien għadda ħafna żmien minn meta ta' tifel ċkejken kien jgħidha ma' ommu.

Din il-formazzjoni li Ċetta tat lit-tfal tagħha toħroġ ukoll mill-fatt li wliedha kollha mxew 'il quddiem fl-edukazzjoni tagħhom waqt li tnejn minnhom, iġifieri Pawlu u Sunta, saru reliġjużi u ngħataw l-isem ta' Dijonisju u Bernardette rispettivament. Bernardette daħlet soru tal-klawsura u kienet tibbrilla fir-rakkmu u l-ganutell, u fost il-ħafna xogħlijiet li għamlet għall-knisja tal-Immakulata hemm iż-żewġ bukketti tal-ganutell li jintramaw fil-kor tal-knisja fil-festa u irranġat ukoll il-bukketti tal-maġġur li jintużaw waqt il-festa.

Patri Dijonisju qalli li oħtu xtaqet issir soru tal-klawsura ta' Santa Katerina l-Belt. Biss xi monsinjur ma riedx għaliex ġa kien hemm erba' sorijiet mill-istess familja. Ċetta kellha oħtha, jisimha Sunta, soru f'dan il-kunvent. Imbagħad oħtha oħra, jisimha Karmena, kellha t-tifla tagħha, Marianna, soru wkoll f'dan il-kunvent. Kien hemm kuġina t'ommu wkoll soru fih waqt li t-tifla ta' ħuha Ġanni, ukoll kienet saret soru. Biss din id-darba għażlet lill-Franġiskani u qattgħet ħajjitha fit-Terra Santa waqt li ħuha kien sar patri, bl-isem ta' Leopoldo, u kien mar jagħmel xogħol pastorali fl-Awstralja.

Ċensa Mifsud *née* Ebejer, li kienet magħrufa aħjar bħala Tal-Moru, tiftakru sew l-ambjent tal-Bastjun fejn għexet it-tfulija tagħha. Hi għaddiet it-tfulija tagħha tgħix ftit bibien 'il bogħod minn fejn kienet tgħix il-familja Mintoff. Hemmhekk qaltli kienu jgħixu ħafna familji foqra. Tagħha kienet waħda fost il-fqar ta' Bormla. Ċensa qaltli illi bħala tifla kienet l-aktar *close* ma' oħtu Sunta, li wara saret soru. Kienu verament 'ħbieb tal-qalb' li meta kibret u kienet tiltaqa' ma' Duminku Mintoff, inkluż meta kien sar Prim Ministru, hu dejjem kien jirreferi għaliha bħala "Ċensa l-ħabiba ta' oħti Sunta".

Kienu wkoll fl-istess klassi fl-Iskola Primarja ta' Bormla u għamlu hemmhekk minn stejġ 1 sa stejġ 3. Biss tkompli Ċensa li Sunta kienet verament tifla kwieta u ta' qalb kbira. Min jaf kemm-il darba Sunta qalgħet ċanfira mingħand l-għalliema tagħha talli kienet tħalli t-tfal l-oħra jikkupjaw minn fuqha. Ċensa għandha anki ftit memorji tad-dar tagħhom. Kienet tmur għandhom biex bħala tifla tagħmel il-*homework* ma' Sunta. Ċensa tammetti li kienet aktar tmur ħalli Sunta tgħinha tagħmel il-*homework*, xi ħaġa li Sunta kienet tagħmel bil-qalb kollha. Ċensa tfaħħar l-intelliġenza ta' Sunta. Kienet verament tifla intelliġenti. Kienet iġġib kollox tajjeb fil-klassi. Biss Sunta kienet tgħidilha illi l-persuna intelliġenti tassew kien ħuha l-kbir! Għal Ċensa, li kienet ġejja minn familja fqira ħafna, id-dar tal-familja Mintoff kienet dar "sabiħa biss ma kellha xejn x'taqsam", kompliet tgħidli, "mad-djar sbieħ tal-lum".

Ċensa tiftakar il-ħanut tal-merċa ta' din iż-żona, bil-laqam tal-Pirwil. Dan kien jinsab eżattament fil-parti ta' Santa Liena. Patri Dijonisju qalli li sid dan il-ħanut kellu kunjomu Franċiż u kellu ħuh ibigħ l-inbid. Fiż-żmien anki l-familja Mintoff kienet fetħet ħanut fil-persjana. Biss dan il-ħanut Ċensa ma laħqitux. Kienet tieħu ħsiebu n-nanna Marianna. Kien ħanut tal-merċa u fih kienet tbigħ il-ħelu wkoll. Kif spjegali missieri, fi żmien meta ma kienx hemm pensjonijiet għal kulħadd, ħafna anzjani kienu jfittxu li jdawru l-persjana f'ħanut ħalli jaqilgħu xi ħaġa żgħira biex isservihom ta' għajnuna għall-familja. Mimlija bil-għomor u b'memorja luċida, Ċensa tiftakru sew lil Duminku Mintoff u lil ħutu. Kienet tmien snin iżgħar minn Duminku. Għalhekk, il-memorji tagħha tiegħu huma ta' tifel adoloxxenti. Tistqarr li dan l-ambjent kollu ntilef bil-gwerra, meta l-familji taż-żona ġew sparpaljati ma' Malta kollha. Il-familja tagħha ntbagħtet il-Ħamrun, wara l-għassa tal-pulizija, eżattament fil-kumpless tal-Liċeo. Ta' Mintoff spiċċaw ir-Rabat.

Illum Ċensa kburija li n-neputi tagħha, Duncan Mifsud, segwa l-istess triq professjonali tal-Perit Mintoff. Biss l-ispettru tal-Bastjun għadu jiġri f'Bormla allavolja l-familji tferrxu. Il-Perit Mifsud kien il-persuna li riċentament ġiet imqabbda biex tieħu ħsieb tagħmel il-pjanti kollha tal-kolleġġjata, liema xogħol ġie għamlu kollu mingħajr ħlas.

Issa wkoll kien wasal iż-żmien li Duminku jieħu l-indipendenza tiegħu. Meta wasal iż-żmien li jmur Oxford, waħda fost ħutu, il-kbira Marianna, li kien *close* ħafna tagħha, kienet ġa miżżewġa u qed tistenna tarbija. Dakinhar li ġie biex jitlaq lejn Oxford, oħtu Mananni, kif Marianna kienet magħrufa, welldet tifel u semmietu għalih Duminku. Għammditu

dakinhar stess, biss ma kellux ix-xorti li jarah, għax miet kawża tal-iskarzezzi u l-mard li kull gwerra ġġib magħha.

Duminku Mintoff qatta' l-perjodu tat-Tieni Gwerra Dinjija jistudja ġewwa Oxford University. Waħda mill-memorji tiegħu ġewwa Oxford kienet tar-ritwal ta' qabel l-ikel. L-istudenti kienu jieklu kollha flimkien fir-refettorju f'xi s-siegħa ta' waranofsinhar. Kienet u għadha drawwa, verament ritwal monastiku, li l-istudenti jinġabru madwar il-mejda u wara li ddoqq il-qanpiena, kien mistenni li jaqa' s-skiet. Iċ-*chaplain* tal-Università, jew wieħed mill-istudenti, kien jgħid it-talba bil-Latin. Din kienet tinqara u kienet kemxejn twila. Duminku Mintoff ġieli missu wkoll biex jgħidha. Biss dawn l-istudenti kienu jarawha twila wisq dik l-imbierka tabella bit-talba fuqha. Allura, iċ-*chaplain* kien għamilha iqsar u rriduċieha għal żewġ kelmiet biss *Benedictus, Benedicta.* Meta sar Prim Ministru, dan iċ-*chaplain* kien għamillu żjara ta' kortesija.

Meta ġie lura minn Oxford University sab lil Bormla mfarrka. Jekk Malta riedet professjonisti f'dik il-ħabta, żgur li l-aktar li kien hemm bżonn kienu ta' periti. Duminku Mintoff kien il-persuna ġusta fil-mument ġust tal-istorja għax, fuq livell professjonali, kellu l-worint biex ikun jista' jaħdem ta' perit u *civil engineer*. Spiċċa l-perit imqabbad mill-kumpanija Hubbard & Harrison biex imexxi 'l quddiem il-pjanijiet urbanistiċi ppreparati minnhom għar-rikostruzzjoni tal-Belt Valletta u t-Tlett Ibliet.

Min-naħa l-oħra, matul il-gwerra, il-familja Mintoff kienet għal xi żmien refuġjata f'Chadwick House, ir-Rabat. Patri Dijonisju qalli li kienu jorqdu tlettax ġo gallarija! Lorenzo Zahra jiftakru sew dan il-perjodu. Bħala ltim minn ommu, hu kien jgħix man-nanna l-Birgu. Huma wkoll kienu evakwati f'din id-dar ġewwa r-Rabat. F'kamra kienu jgħixu ħafna familji u l-unika ħaġa li kienet tifridhom kienet biċċa purtiera. Lorenzo Zahra jiftakar sew 'l omm Duminku tiftaħar dwar dan it-tifel tagħha li kien qed jistudja l-Ingilterra.

Bejn minħabba t-tifrik tal-gwerra u bejn għal raġunijiet oħra, bħal ħafna Bormliżi, Duminku Mintoff kellu issa jfittex kenn barra minn beltu. Ommu u l-familja kienu issa wkoll telqu mir-Rabat u għall-ewwel marru joqogħdu f'dar il-Belt u wara mxew ukoll għal Raħal Ġdid. Il-Perit Duminku Mintoff iżżewweġ fit-22 ta' Novembru 1947 u mar joqgħod f'dar Raħal Ġdid.

Niftakar sew f'nofs is-sebgħinijiet, issa Mintoff kien il-Prim Ministru, missieri jkellimni fuq dan it-tieġ. Darba, waqt li missieri kien qed isuq il-karozza, u jien ta' tifel imqareb kont fuq wara, waqqaf il-karozza quddiem

knisja fiż-Żejtun u b'serjetà kbira, waqt li pponta subgħajh lejha, qalli "F'din il-knisja żżewweġ Mintoff." Ma kienx qed jigdeb. Il-Perit Mintoff iżżewweġ fil-kappella tal-Madonna tal-Ħniena ż-Żejtun. Bħalma ġara fil-każ ta' ommu u missieru, se jerġa' jkun il-primiċerju tal-kolleġġjata li żewweġ lil Duminku Mintoff ma' martu Moyra. Kien jismu Dun Ġwann Vella li qalb iż-Żwieten kellu l-laqam ta' "il-Primiċerju". Jassistih waqt iċ-ċerimonja taż-żwieġ kien hemm Dun Ġużepp Minuti, dik il-ħabta kien il-kappillan tal-Isqof Emmanuele Galea. Wara Minuti kien laħaq ukoll kanonku ta' Bormla, u aktar tard monsinjur.

Duminku Mintoff kellu simpatija ħafna mal-Isqof Galea. Dakinhar tat-tieġ, l-Isqof Galea kien bgħattlu *token*, xi santa jew ritratt, u ffirmat. Galea ffirma bħala Isqof ta' Tralles. Patri Dijonisju qalli li "Ħija baqa' affaxxinat b'din il-kelma Tralles. Imbagħad kien anki kiteb esej fuq dan il-post ta' Tralles".

Patri Dijonisju jiftakar sew li meta Duminku żżewweġ, kollox sar bil-għaġla. Dakinhar tat-tieġ, Duminku Mintoff kien l-*acting prime minister*, peress li żżewweġ fl-istess żmien li żżewġet ir-reġina. Ir-Reġina Eliżabetta II iżżewġet nhar l-20 ta' Novembru 1947. Il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Pawlu Boffa, kien mistieden għat-tieġ tar-reġina bħalma kienu mistiedna l-Prim Ministri kollha tal-pajjiżi tal-Commonwealth. It-tieġ ta' Duminku Mintoff ma kien xejn speċjali. Anzi naħseb li kien tieġ li l-ebda għarusa ma tixtieq li jkollha bħalu. Verament kellu mara qaddisa! Mhux ta' b'xejn li l-aktar ħaġa li offendietu kienet meta ġie mkażbar il-qabar tagħha. Iżżewweġ dakinhar stess li l-futura mara tiegħu ġiet minn barra. Moyra De Vere Bentinch ġiet Malta mill-Ingilterra eżattament fid-data stabbilita għat-tieġ. Dik il-ħabta Duminku Mintoff kien Ministru tax-Xogħlijiet u r-Rikostruzzjoni. Kien hemm ħafna xogħol kbir xi jsir. Malta kienet imwaqqgħa.

Fi kliem Patri Dijonisju stess, "Wara li l-mara tiegħu waslet mill-Ingilterra, baqgħet sejra dritt id-dar ta' ommu l-Belt. Duminku telaq mill-uffiċċju, għaliex kien għax-xogħol, ġie għall-futura mara tiegħu u ħa żewġ xhieda miegħu, li kienu Leli Tabone minn Bormla, iżda li kien joqgħod Raħal Ġdid, u Speditu Gatt, ħaddiem id-Dokjard u mar tal-Ħniena u żżewweġ. Wara ċ-ċerimonja reġa' mar l-uffiċċju u kompla bix-xogħol tiegħu."

Il-Kanonku Dun Joe Abela spjegali għalfejn Duminku Mintoff kien iżżewweġ ġewwa din il-kappella tal-Ħniena ż-Żejtun. Ir-raġuni kienet minħabba li r-rettur tagħha, il-primiċerju ta' Bormla, Vella, kien sar ħabib kbir tiegħu. Din il-knisja kienet intlaqtet fil-gwerra u l-Kanonku

Vella kien qabbad lil dan il-perit żagħżugħ, li sa dak iż-żmien kien għadu ma jafu ħadd, biex jeħodlu ħsieb ir-restawr tagħha. Il-Perit Mintoff kien għenu wkoll iġib il-fondi mill-flus allokati mill-Ingliżi għar-rikostruzzjoni tal-Gżira, magħrufa bħala tal-"War Damage". Dan wassal biex nibtet ħbiberija kbira bejniethom li ma ntemmet qatt. Ma għandix xi nżid li l-Primiċerju Vella kellu għal qalbu ħafna t-tfal tal-Bastjun u fi kliem il-Kanonku Joe Abela stess "Kellu ħafna għal qalbu l-ħaddiema u kien simpatizzant kbir tal-politika tal-Perit Mintoff." Fi żmien l-interdett, Dun Ġwann Vella baqa' jqarar lil kulħadd, inkluż lil dawk li kienu jaqraw il-ġurnali tal-Partit Laburista, li l-qari u x-xiri tagħhom kien projbit.[8]

Il-Perit Mintoff daħal fil-politika u ġie elett mill-ewwel. Kien sar Ministru tax-Xogħlijiet b'responsabbiltà mir-rikostruzzjoni f'età żgħira ħafna. Kien ġa Prim Ministru meta kellu biss 39 sena!

Bħal ħafna Bormliżi li telqu minn din il-lokalità, il-festa tal-Kunċizzjoni u l-knisja tal-Immakulata baqgħu marbuta ma' qalbu. Meta kellu l-ewwel tarbija tiegħu, fis-sena 1949, ġiet imsemmija Anna għal nanntu u oħtu l-kbira u tgħammdet fis-Santwarju tal-Immakulata. Anki t-tieni wild tiegħu, Giovanna, rasha ġiet maħsula f'Bormla. Din id-darba hija ssemmiet għal missier ommu u għal oħtu ta' qablu.

Il-politika u fuq kollox l-Immakulata żammew lil Mintoff marbut ma' belt twelidu. Fil-festi tal-ħamsin sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Immakulata, hu kellu rwol importanti f'dawk iċ-ċelebrazzjonijiet waqt li għal aktar minn ħamsin sena serva bħala president tal-Każin tal-Banda San Ġorġ, każin li jaf l-eżistenza primarja tiegħu biex jagħti ġieħ bil-mużika lill-Immakulata u jpaxxi lil kulħadd fil-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Din ir-rabta baqgħet hemm anki matul il-perjodu mqalleb tas-sittinijiet. Mintoff baqa' l-president tal-Każin tal-Banda San Ġorġ. Dan ma jfissirx li kollox kien ward u żahar. Il-Perit Mintoff kien jibgħat messaġġ biex l-istatwa tal-Kunċizzjoni ma tkunx imżeffna fil-politika. Allavolja kien hemm dan it-taqlib kollu, xorta baqa' jinsisti li fil-festa jintbagħat bukkett fjuri f'ismu quddiem l-istatwa. Meta dan ma baqax isir, minħabba dan l-inkwiet, kien irrabja ħafna ma' min kien inkarigat.

Fuq kollox, kontra dak li ġara fis-snin tletin, iżda, il-Każin tal-Banda San Ġorġ ma serviex ta' post għal trattattiva politika matul dawn is-snin ta' taqlib. Skont l-istess Gvernatur Charles Bonham Carter, wara l-wasla uffiċjali tiegħu f'Malta fl-1936 fittex li jagħmel l-ewwel żjara pubblika tiegħu f'Bormla. F'dik il-ħabta, Malta kienet bla kostituzzjoni. Hu

8. S. Grech, *Church and Politics in Malta, 1955-1970,* Teżi tal-MA fl-Istorja mhix ippubblikata. Università ta' Malta, 2009.

żar Bormla biex b'hekk ikollu skuża tajba biex jiltaqa' mal-President tal-Banda San Ġorġ, li f'dik il-ħabta kien il-politiku Nazzjonalista Dr Carmelo Mifsud Bonnici. Il-Gvernatur iltaqa' miegħu fil-każin stess u b'hekk kisser l-*impasse* politiku li kien hemm bejn il-Gvern Kolonjali f'Malta u elementi moderati fi ħdan il-Partit Nazzjonalista.[9]

Din id-darba iżda, xi kanċellazzjoni ta' invit uffiċjali matul is-snin sittin biex xi prelat tal-Knisja, waqt li kien f'xi żjara f'Bormla, ma jmurx fil-Każin tal-Banda San Ġorġ, wasslu biex aktar saħħnu l-qiegħa milli berrduha. Biss ir-raġuni għal dan tinsab xi mkien ieħor. Laqgħat informali kienu qed ikunu evitati. Bħal Mintoff, l-Arċisqof Gonzi kien jippreferi diskussjoni ta' natura diretta u dawn seħħew f'post ieħor.

Il-kappillan tal-Arċisqof Gonzi, Dun Ġwann Dimech, kien jirrakkonta kemm-il darba u milli jidher anki ppubblikaha, x'kien ġara f'waħda minn dawn il-laqgħat li kienu saru fil-Kurja li dak iż-żmien kienet il-Belt bejn l-Arċisqof Mikiel Gonzi u Duminku Mintoff. F'laqgħa minnhom, Dun Ġwann beda jisma' ħafna storbju ħiereġ mill-uffiċċju u tant kemm l-għajjat kien qawwi, li beża' li l-Arċisqof Gonzi u l-Perit Mintoff kienu ġejjin fl-idejn. Hu ħabbat fuq il-bieb tal-Arċisqof Gonzi u bil-pulit qallu li kien hemm in-nies qed jistennew fil-kuritur. L-Arċisqof qatagħlu kliemu u baqa' għaddej bid-diskussjoni sħuna ma' Mintoff. Meta spiċċat il-laqgħa, l-Arċisqof talab lil Dun Ġwann Dimech biex jakkumpanja lil Duminku Mintoff sal-bieb ta' barra. Meta ġie lura, l-Arċisqof qal lill-kappillan tiegħu xi ħaġa fuq din in-nota. "Tinkwetax, aħna t-tnejn mill-Kottonera, aħna hekk nitkellmu!"

Storja simili kien irrakkuntahieli, Alla jaħfirlu, il-Kanonku Dun Ġużepp Bonello. Ma nafx jekk hix l-istess waħda, għax anki fl-istorja tiegħu, il-Kanonku Bonello jitkellem dwar laqgħa li matulha kien hemm ħafna għajjat u storbju. Min minnhom it-tnejn jgħajjat l-aktar. Hu beża' li n-nies li jkunu għaddejjin fit-triq ser jisimgħu kollox għaliex it-twieqi kienu miftuħa. Hu kien daħal u għalaq it-twieqi tal-uffiċċju tal-Arċisqof Gonzi.

Aneddotu ieħor ta' dan iż-żmien tal-hekk imsejħa ġlieda politikoreliġjuża kien dak li darba smajtu jgħidu waqt konferenza pubblika Joe Attard Kingswell. Attard Kingswell kien jiġi ħaten ma' wieħed minn ħut Duminku Mintoff. Hu rrakkonta li wara din il-ġlieda politika kien hemm ħafna figuri oskuri, b'mod partikolari intransiġenza ta' xi monsinjur jew monsinjuri li ma riedx jew ma ridux ikunu flessibbli.

9. J. Manduca, *The Bonham-Carter Diaries 1936-1940*, (Malta 2004), 74-75.

Attard Kingwell qal li fil-laqgħat li hu u oħrajn mil-Labour Party kellhom mal-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-Kurja, dejjem sabu lill-Arċisqof bħala persuna kordjali ħafna. Mikiel Gonzi kien juri simpatija ma' xi punti tagħhom. Biss, hekk kif tkun se tispiċċa l-laqgħa u joħorġu ferħanin għax ikunu ħasbu li waslu biex jiftiehmu, kien jidħol jiġri xi monsinjur li jkun qed jistenna wara l-bieb, iżda li Attard Kingswell ma semmiehx b'ismu, u l-affarijiet jerġgħu jiġu koppi.

Ma hemmx dubju li xi monsinjur jew monsinjuri kienu qed iservu ta' važu għal nies, membri ta' soċjetajiet okkulti. Ir-retorika politika tal-Perit Mintoff u l-metodi politiċi tiegħu kienet tbeżżagħhom għax kienet ta' theddida għall-interessi ekonomiċi tagħhom. Għal raġunijiet totalment differenti, is-sitt punti magħmula minn Mintoff kienu mitqiesa ta' theddida mill-Knisja. Min-naħa l-oħra l-brejkijiet imposti mill-Arċisqof Gonzi u l-poter ekkleżjastiku salva lil Mintoff milli jagħmel minn Malta stat bħal dawk ta' wara l-purtiera tal-ħadid, anki jekk kien hemm xi wħud f'dik il-ħabta li kienu jaraw fis-sistema ekonomika Komunista s-soluzzjoni għall-faqar f'pajjiżna.

L-aktar interessanti hu l-fatt li t-tfal ta' dawk in-nies li tramite dan jew dawk il-monsinjuri kienu qed jagħtu n-nar lit-tiben, illum narawhom jitkellmu u jippuppaw sidirhom bħala l-paladini tad-demokrazija u ma jiddejqux jitkellmu b'odju fuq l-Arċisqof Mikiel Gonzi għaliex issa l-interessi ekonomiċi tagħhom huma salvi. Tidher li l-Knisja ma titgħallem qatt.

Jekk kellu kollox, żgur li l-Perit Mintoff ma kellux mibegħda lejn l-Arċisqof Gonzi. Meta laħaq Prim Ministru kien jara li ta' kull sena (u għamel żmien anki jmur hu personalment) l-Arċisqof Mikiel Gonzi jingħata bukkett fjuri f'għeluq sninu. Kif irrakkontali s-Sur Mario Cacciottolo, meta l-Arċisqof Gonzi kiber, Mintoff kien jara li l-istaff tiegħu jibqgħu jeħdulu l-fjuri. Infatti, darba minnhom, Mario Cacciotolo nnifsu spiċċa jieħu hu l-fjuri lill-Arċisqof f'isem il-Perit għaliex sħabu tax-xogħol qalulu li huma ma setgħux imorru għax ma għandhomx ġlekk, waqt li hu kien l-uniku persuna li ġie dakinhar għax-xogħol bil-ġlekk ġewwa Kastilja! Dan l-avveniment kien ġie anki mmortalizzat b'ritratt tad-DOI (Department of Information).[10]

Kif juri tajjeb Cesare Catania, li kien ammiratur u sostenitur tal-politika tal-Perit Mintoff, "*Never in the Church history of Malta had there been a bishop who had done so much for the common good of the Church (as well*

10. *Dokumenti dwar problemi u tilwim bejn Knisja u Stat f'Malta mit-23 ta' Diċembru 1976 sa 30 ta' Mejju 1983 u mis-16 sat-23 ta' Ġunju 1983*, (Malta 1983), 165.

*as for Maltese society) as Bishop Gonzi."*[11] Il-problema kienet li ma qablux fuq il-metodu.

Illum forsi hemm min jiftakar il-perjodu tal-gvern ta' Mintoff għas-sikkar taċ-ċintorin, għall-ġlied mal-Knisja dwar l-isptarijiet jew l-iskejjel tagħha, jew għall-vjolenza politika. L-Għarab baqgħu jiftakru lil Mintoff għall-avviċinament politiku tiegħu lejn l-Afrika u l-pajjiżi tat-Tielet Dinja.[12] Il-Kanonku Kantur tal-Kolleġġjata tal-Immakulata, Dun Joe Abela, iħares lejn in-naħa l-oħra tal-munita u b'ammirazzjoni jiddeskrivi lill-Prim Ministru Mintoff bħala "bennej tas-servizzi soċjali kbar favur il-ħaddiema u l-foqra".[13] Meta xjaħ u ħafna kienu warrbuh, il-Kanonku Abela kburi li mar iżuru.

Biss mill-glorji kollha li l-politika ġabet lil dan ir-raġel, l-ikbar valur li Duminku Mintoff baqa' jgħożż sal-aħħar kien dak tas-sempliċità. Mhux biss għax wara li ħareġ mix-xena politika, irritorna għall-ħajja ta' ċittadin komuni, iterraq bil-bastun fit-toroq tal-akkwatini tan-Nofsinhar ta' Malta, iżda għaliex, anki meta kien Prim Ministru, l-aktar affarijiet li kienu jimluh b'sodisfazzjon kienu dawk sempliċi bħalma kien xi platt minestra sħun jew xi tazza nbid tad-djar. Dawn kienu l-valuri li għallmithomlu ommu u ma nsiehom qatt u fejn seta' ppratikahom matul ħajtu. Darba, waqt diskussjonijiet għolja, persuna skużat ruħha talli bdiet tindirizzah biss bil-kelma "Perit" u mhux bħala l-Prim Ministru. Mario Cacciottolo jiftakar sew ir-risposta. Il-Perit Mintoff wera lil din il-persuna li ma kellhiex għalfejn tiskuża ruħha billi qalilha, "Perit sirt bil-ħila tiegħi, prim ministru għamluni n-nies".

Naħseb li ma kienet xejn sorpriża, meta fis-sena 2006, il-Perit Duminku Mintoff reġa' ġie għal għarrieda ġewwa t-Tempju tal-Immakulata, eżattament fil-festa tagħha u daħal fis-sagristija wara l-quddiesa ta' filgħodu. Dakinhar il-paniġierku kien għamlu ħuh, Patri Dijonisju. Kien paniġierku li għadu jidwi f'widnejn minn kull min semgħu sal-ġurnata tal-lum. Wieħed jifhem għalfejn Duminku Mintoff kien ħa ħafna pjaċir meta, waħda minn uliedu, eżattament it-tifla l-kbira Anna, semmiet lit-tarbija tagħha, Ċetta, isem li fakkru kemm f'ommu l-għażiża u l-Immakulata. Biss x'ġara sew dakinhar jitlob studju apparti. Hawnhekk nieqaf biss biex ngħid dak li kien qalli darba missieri sewwasew wara l-avvenimenti politiċi tal-1998: dejjem skont missieri, fost il-ħagografija li

11. C.Catania, *Strickland, Britain and the Vatican 1929-1932*, (Malta 2011), 290-291.
12. Appendiċi 1.
13. J.Abela, "Il-Perit Duminku Mintoff (1916-2012) u l-Primiċerju Kanonku Dun Ġwann Vella (1892-1984)", Programm tal-Festa Marija Immakulata, Bormla, 2012.

ġiet ikkreata madwar il-figura ta' Dun Ġorġ (Preca) hemm il-fatt li darba metaforikament kien qal lil Mintoff, "In-nies tiegħek għad iħaġġruk". Infatti, ma tħaġġarx bil-ġebel iżda bil-kliem. Biss jekk kien hemm ħafna kontra tiegħu f'dik il-ħabta li hu reġa' ġie fit-Tempju tal-Immakulata ġewwa Bormla żgur li fost il-ħafna anzjani Mintoffjani, il-Perit baqa' jgawdi stima kbira. Jiena stess waqt dan il-paniġierku li Patri Dijonisju għamel minn fuq il-pulptu tal-kolleġġjata, smajt żewġ anzjani jgħidu b'nostalġija. "Ara dan (iġifieri Patri Dijonisju) kemm jixbah lil Mintoff. Ara dan jitkellem bħalu!" Niftakar lil Fr Peter Serracino Inglott (li kien jiftaħar bil-konnessjoni ta' antenata tiegħu mal-kwadru tal-Kor tal-Immakulata) jgħidli mbellah, waqt li beda jitkellem f'analiżi kritika fuq l-aħħar rumanz ta' Alfred Sant. "Qrajtu?" qalli b' riferenza għall-ġrajjiet tal-1998. "Ir-rumanz *L-Għalqa tal-Iskarjota* spirat minn Mintoff."

Duminku Mintoff qatt ma kellu dubju mil-lealtà ta' dawk li kienu jħobbu l-Immakulata lejh. Fid-djar ta' ħafna Bormliżi kont tara żewġ ritratti bix-xemgħa quddiemhom fuq xi gradenza jew sajdbord; ritratt tal-Immakulata u ħdejh tal-Perit Mintoff. Wara l-1998, xi wħud mir-ritratti ta' Mintoff bdew jitwarrbu baxx baxx. Biss ma ntremgħux. Bas-santi tal-qaddisin, ir-ritratti tal-Perit ma setgħux jitqattgħu. Intrefgħu u bħall-erwieħ tal-purgatorju qagħdu jistennew il-jum tat-Tnejn, 20 t'Awwissu 2012, biex f 'katarsi kollettiva, jerġgħu jqumu mill-qabar.

Il-Perit Duminku Mintoff għalaq il-karriera politika tiegħu, kif kien bdieha, *b'mass meeting* ġewwa knisja f 'Bormla, b'differenza, li għal dan l-aħħar miting, li sar nhar il-Ħamis, 23 t'Awwissu 2012 ġewwa l-knisja tal-Immakulata, il-Perit ma kellux għalfejn ilissen l-ebda kelma. Il-Perit Duminku Mintoff kien jaf li ma setax isir dak li sar kieku ma kienx hemm l-Immakulata. Mhux ta' b'xejn li t-tieni isem tiegħu kien Konċettu.